

## L-15 ta' Ġunju 2015

### Tħabbira

#### **Il-Premju Ewropew għall-Bliet Aċċessibbli issa huwa miftuħ għall-applikanti!**

Il-Kummissjoni Ewropea llum tiftaħ il-kompetizzjoni għas-sitt Premju “Access City” - il-premju Ewropew għall-bliet aċċessibbli. Bliet b'mill-inqas 50,000 abitant huma mistiedna biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għall-premju sal-10 ta' Settembru (nofsillejl fil-ħin ta' Brussell).

Sa mill-2010, il-Premju “Access City” jagħti premjijiet lill-ibliet għall-ħidma tagħhom biex jiksbu ambjenti iktar aċċessibbli fl-oqsma kollha tal-ħajja, billi jagħmlu l-ibliet iktar inklussivi u aċċessibbli għal kulħadd. Kull edizzjoni turi eżempji tajbin ta' proġetti, filwaqt li turi l-entużjażmu u l-impenn tal-ibliet fl-UE biex jiffaċilitaw l-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità u anzjani. Fl-aħħar ħames snin, iktar minn 200 belt applikaw għall-premju. Il-proġetti ppreżentati mill-ibliet jipprovdu ħafna ideat biex l-ibliet isiru postijiet aħjar biex jgħix fihom kulħadd.

Se jingħataw premjijiet lil ħamest ibliet tal-UE f'ċerimonja li sseħħ matul il-Konferenza annwali tal-Jum Ewropew tal-Persuni b'Diżabilità fi Brussell fit-7 ta' Diċembru 2015. L-ibliet rebbieħa se jingħataw premju għall-isforzi tagħhom biex jagħmluha iktar faċli għall-persuni b'diżabilità u l-anzjani biex ikollhom aċċess għal żoni pubbliċi bħal akkomodazzjoni, żoni fejn jilagħbu t-tfal, it-trasport pubbliku, it-teknoloġiji tal-komunikazzjoni.

L-edizzjoni tal-2016 se tinkludi l-ewwel premju, it-tieni premju u t-tielet premju kif ukoll żewġ tismijiet speċjali ġodda:

- It-tismija speċjali ta' **“aċċess għax-xogħol”** se tippremja sforzi mwettqa mill-ibliet biex jiżguraw li s-servizzi ta' impjieg pubbliku, u l-inizjattivi mis-settur privat, jiffaċilitaw l-aċċess għax-xogħol u jagħmlu l-informazzjoni dwar l-impjieg aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Dawn pereżempju jistgħu jkunu inizjattivi biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni b'diżabilità permezz ta' titjib fl-aċċessibilità f'postijiet tax-xogħol jew fit-trasport sabiex jiġi żgurat li kull parti tal-vjaġġ mid-dar sal-post tax-xogħol tkun aċċessibbli.
- It-tismija speċjali ta' **“bliet intelliġenti aċċessibbli”** se tirrikonoxxi l-isforzi mill-bliet biex jiżguraw li jsiru intelliġenti bmod inklussiv, partikolarment billi jiżguraw li t-teknoloġiji, l-interfaċċji għall-utenti, u s-servizzi relatati tagħhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità skont approċċ ta' “disinn għal kulħadd”.

#### **L-iskop tal-Premju**

Il-Premju huwa parti mill-isforzi usa' tal-UE biex toħloq Ewropa mingħajr ostakoli. L-aċċessibilità mtejbja tgħin biex tneħħi l-ostakoli żejda li għadhom jiffaċċjaw il-persuni

b'diżabilità fil-ħajja tagħhom ta' kuljum: l-użu ta' trasport, l-aċċess għall-informazzjoni, jew l-għajxien indipendenti.

Hemm madwar 80 miljun persuna b'diżabilità fl-UE. Iktar ma tixjeh il-popolazzjoni tal-UE, iktar jikber dan in-numru. Konsegwentement sar aktar importanti li jinħolqu ambjenti li n-nies jistgħu jgħixu fihom b'mod indipendenti u b'mod dinjituż matul ħajjithom. Il-premju Ewropew talli l-bliet saru aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u l-persuni anzjani jirrikonoxxi sforzi prominenti mill-bliet li jkunu ħadmu biex jinkiseb dan il-għan.

Il-kompetizzjoni tipprovdi wkoll opportunità tad-deheb għall-awtoritajiet pubbliċi biex jaraw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-belt tagħhom f'termini ta' aċċessibilità u biex jieħdu azzjoni biex itejbu dan. Il-Premju "Access City" juri firxa wiesgħa ħafna ta' inizjattivi u politiki koperti: minn politiki dwar l-akkomodazzjoni aċċessibbli, għal żoni tal-logħob tat-tfal, postijiet tax-xogħol u informazzjoni dwar it-trasport pubbliku; kull aspekt tal-ħajja fil-belt għandu jikkunsidra d-demografija li qed tinbidel.

B'mod konformi mal-[Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità](#) l-aċċessibilità hija waħda mill-pilastru tal-[Istrateġija tad-Diżabilità 2010-2020](#) tal-Unjoni Ewropea li għandha l-għan li toħloq Ewropa mingħajr ostakoli għal kulħadd.

### **Liema bliet rebħu fis-snin preċedenti?**

**Is-sena l-oħra, fil-ħames edizzjoni**, ir-rebbieħa kienet Borås (l-Isvezja). Helsinki (il-Finlandja) ħadet it-tieni premju u **t-** tielet premju **ngħata lil** Ljubljana (is-Slovenja). Logroño (Spanja) ingħatat tismija speċjali fil-qasam tal-ambjent mibni u l-ispazji pubbliċi, Budapest (l-Ungerija) rċeviet tismija speċjali għall-ħidma tagħha fil-qasam tat-trasport. Arona (Spanja) u l-Lussemburgu rċewew tismija speċjali għall-faċilitajiet u s-servizzi pubbliċi

**Fir-raba' edizzjoni**, ir-rebbieħa tal-2014 kienet Gothenburg (l-Isvezja). Grenoble (Franza) ġiet fit-tieni post, Poznań (il-Polonja) ħadet it-tielet post, u saru tismijiet speċjali għal Belfast (ir-Renju Unit), Dresden (il-Ġermanja), Burgos u Málaga (Spanja).

Fit- **tielet edizzjoni**, il-Premju ngħata lill-belt Ġermaniża ta' Berlin. Nantes (Franza) u Stokkolma (l-Isvezja) kienu ż-żewġ finalistu l-oħra, b'tismijiet speċjali għal Pamplona (Spanja) għall-ambjent mibni u l-ispazji pubbliċi, Gdynia (il-Polonja) għat-trasport u l-infrastrutturi relatati, Bilbao (Spanja) għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi teknoloġiji ġodda u Tallaght (l-Irlanda) għal faċilitajiet u servizzi pubbliċi.

Għat- **tieni edizzjoni**, il-belt Awstrijaka ta' Salzburg kienet magħżula bħala r-rebbieħa ġenerali. It-tliet finalistu l-oħra kienu Kraków (il-Polonja), Marburg (il-Ġermanja) u Santander (Spanja). Saru tismijiet speċjali għal Terrassa (Spanja), Ljubljana (is-Slovenja), Olomouc (ir-Repubblika Ċeka) u Grenoble (Franza).

**Fl-edizzjoni inawgurali tal-2010**, il-belt rebbieħa kienet Ávila fi Spanja. It-tliet finalistu l-oħra kienu Barċellona (Spanja), Cologne (il-Ġermanja) u Turku (il-Finlandja).

### **Kif tapplika?**

L-applikazzjonijiet għandhom isiru billi tintgħat il-formola tal-applikazzjoni online (bil-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż) sa mhux aktar tard mill-10 ta' Settembru 2015. Nota ta' gwida u r-regoli tal-parteċipazzjoni huma disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hawnhekk:

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=88&eventsId=1058&furtherEvents=yes>

### **Kif ġew magħżula l-applikanti?**

Sa tlett ibliet se jintgħażlu mill-ġuriji nazzjonali f'kull pajjiż fuq il-bażi tal-kriterji ta' evalwazzjoni pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-kandidati nazzjonali mbagħad se jiġu vvalutati minn Ġurija Ewropea.

### **Għal aktar tagħrif dwar l-isfond tal-Premju “Access City”:**

Tixtieq li l-proġetti tal-belt tiegħek jintwerew fil-fuljett li jmiss tal-Premju “Access City”? Jekk tixtieq taqşam l-esperjenzi u l-azzjonijiet tiegħek ma' bliet oħrajn, aqra aktar dwar il-Premju “Access City” fuq: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1141&langId=en>